

# €117-il miljun mill-Baġit tal-UE

minn Gordon Pace

Bħala membru fl-Unjoni Ewropea Malta ġiet allokata aktar minn €117-il miljun sal-2013 biex tiġi indirizzata aħjar is-sitwazzjoni dwar l-immigrazzjoni illegali.

F'laqgħa tal-MEUSAC fil-preżenza tal-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern Carm Mifsud Bonnici u li ddiskutiet l-immigrazzjoni illegali, ġie spjegat li Malta se tgawdi minn din l-għajnuna permezz ta' fondi differenti, hekk kif tħabbar li diġà ġew approvati numru ta' proġetti, u hemm aktar applikazzjonijiet pendenti li qed jistennew li jiġu approvati, u oħrajn li qed jiġu ppjanti. Il-proġetti jkopru setturi differenti li jinħtieġilhom attenzjoni partikolari.

Jesmond Camilleri Direttur fil-Ministeru għall-Ġusizzja u l-Intern, spjega li l-fondi miġjuba mill-UE se jintużaw biex jissaħħu s-sistemi ta' komunikazzjoni tal-Forzi Armati ta' Malta, taħriġ ta' ħaddiema involuti fil-proċessi differenti, taħriġ fil-lingwi u kulturi differenti kif ukoll għal titjib fil-proċessi ta' ripatrijazzjoni voluntarja u dik sforzata.

Il-fondi ġejjin mill-programmi *European Refugee Fund, External Borders Fund* u *Return Fund.*

Waqt il-laqgħa ġiet ukoll ippreżentata l-politika tal-Ministeru tal-Ġustizzja u Intern dwar l-immigrazzjoni illegali li tagħti prijorità ħames prinċipji – dak li jiġi ssalvagwardjat l-interess nazzjonali permezz ta' miżuri ta' sigurtà u kontroll tal-fruntieri, trattament ġust tal-immigranti, sistema ta' proċeduri użata ma' dawk li qed ifittxu kenn, l-inklużjoni ta' min qed ifittex kenn, u ripatrijazzjoni ta' dawk li mhux eliġibbli għall-protezzjoni.

Joseph St. John, Direttur tal-Politika dwar l-Immigrazzjoni Illegali fi ħdan il-Ministeru tal-Ġustizzja, fakkar li Malta fittxet u ngħatat assistenza mill-FRONTEX u li minkejja d-diffikultajiet li qed niffaċċjaw, Malta xorta qed tipprovdi l-aħjar kundizzjonijiet possibbli lill-persuni fiċ-ċentri ta' ditenzjoni.

Kien hemm ukoll ir-ripatrijazzjoni sfurzata lejn l-Eġittu, il-Marokk, in-Niġerja u t-Tuneżija u programm ta' ripatrijazzjoni volontarja li permezz tiegħu numru ta' persuni marru l-Mali.

gordon.pace
@media.link.com.mt



Iċ-ċelebrazzjonijiet tal-*Poppy Day* komplew permezz ta' attività li saret taħt il-monument tal-Qanpiena li jfakkar l-Assedju, fil-Belt. L-istudenti tal-iskola sekondarja Safi u l-iskola primarja Ħal Tarxien mill-Kulleġġ San Benedittu, fakkru lil dawk li tilfu ħajjithom fil-gwerer.

F'temp mill-isbaħ, taħt monument storiku, l-istudenti kantaw id-diska *Heal the World,* u permezz ta' talb u messaġġi awguraw il-paċi għal kulħadd. Għaċ-ċerimonja kien hemm preżenti l-Ministru għall-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport, Dolores Cristina li fakket li bħalissa hawn madwar 62 gwerra għaddejja madwar id-dinja u li ħafna minnhom huma minsija minħabba li ma jiġbdux l-attenzjoni tal-*media*.

Anthony Busuttil, minn Ħal Safi qasam il-memorji tiegħu tal-gwerra. L-attivitajiet tal-*Poppy Day* ikomplu għada bil-parteċipazzjoni tal-iskwadra 111(F) tal-Qawwa tal-Ajru Ingliża (RAF) bl-ajruplani tat-tip Tornado F3 li se jagħmlu *flypast* fuq il-Monument tal-Gwerra fil-Floriana waqt ċerimonja ta' tifkira li tkun qed issir. (Ritratti: Michael Ellul)

media•link
COMMUNICATIONS
NET www.nettv.com.mt
RADIO101 www.radio101.com.mt
il-mument
IN-NAZZJON
pin
informa
maltarightnow.com www.maltarightnow.com